MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 287/2008

**L-Awtorita` Marittima ta' Malta**

**Vs**

**Salina Aquaculture Limited (C-23019)**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici, wara li qalet:

Illi, kif jidher mill-istatement of account tal-25 ta' Marzu, 2008 l-intimata Salina Aquaculture Limited ghandha taghti lill-Awtorita` Marittima ta' Malta s-somma totali ta' sebgha u ghoxrin elf disa' mija u wiehed u tmenin Euro u centezmu (€ 27,981.01 ekwivalenti ghal Lm 12, 012.25) konsistenti f'bilanc minn somma akbar rapprezentanti drittijiet tal-port (port dues), inkluzi drittijiet ta' rmigg

(berthage dues), hlasijiet rigward l-immannigjar ta’ skart iggenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees), on call u ship conference fees, kif ukoll drittijiet ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port.

Illi l-imsemmija drittijiet tal-port jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-intimata li gew ipprovduti u rekati fuq talba ta’ l-istess intimata.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti, fosthom permezz ta’ ittra ufficjali Numru 2781/2006 tat-18 ta’ Awissu, 2006 li giet validament notifikata nhar il-25 ta’ Awissu, 2006 u ittra ufficjali ohra tas-6 ta’ Settembru, 2006.

Illi l-intimata ma rrispondietx ghal dawn l-ittri ufficjali u hallset biss parti mill-ammonti minnha dovuti, b’tali mod li ghad fadal x’jithallsu l-bilanci fuq imsemmija.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta’ l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta’ l-Awtorita` rikorrenti l-intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra l-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba tisma’ u tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u :

1. Tiddikjara li l-intimata Salina Aquaculture Limited hija debitrici ta’ l-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf disa’ mija u wiehed u tmenin Euro u centezmu (€ 27, 981.01 ekwivalenti ghal Lm 12, 012.25), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet tal-port (port dues), inkluzi drittijiet ta’ rimigg (berthage dues), hlasijiet rigward l-immannigjar ta’ skart iggenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees), on call u ship conference fees, kif ukoll drittijiet ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port.

2. Tikkundanna lill-intimata Salina Aquaculture Limited thallas lill-Awtorita` rikorrenti l-imsemmija somma ta' sebgha u ghoxrin elf disa' mija u wiehed u tmenin Euro u centezmu (€27, 981.01 ekwivalenti ghal Lm 12, 012.25).

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Awissu, 2006 u tas-6 ta' Settembru, 2007 u spejjez legali inkorsi fir-rigward tal-pretensjoni tar-rikorrenti, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi b'nota tat-2 ta' Mejju, 2008 is-socjeta` attrici naqqset it-talba taghha ghal erbgha u ghoxrin elf u seba' mitt Euro u sebgha u sittin centezmu (€ 24700.67) ekwivalenti ghal Lm10,604 u b'nota ohra tas-17 ta' Gunju, 2008 is-socjeta` attrici kompliet naqqset it-talba ghal tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€22,322.26) ekwivalenti ghal Lm9,582.95.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, u illi l-konvenuta ma writx impar prima facie li ghandha eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba tal-awtorita` attrici.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kif imnaqqsa bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------